L-Aħbar
mill-Provinċja S. Pawl Appostlu - Malta
Marzu 2018
Nru. 227

# Żjara Franġiskana fil-Parroċċa tas-Sacro Cuor



Iż-Żjara Franġiskana bdiet is-Sibt 17 ta' Frar fil-Parroċċa tagħna tas-Sacro Cuor Tas-Sliema, permezz ta' quddiesa mill-Kappillan P. Paul Attard OFM li matulha ta l-mandat lill-missjunarji li kienu se jieħdu sehem f'din iż-żjara.

Matul il-ġimgħa mbagħad kienu ċċelebrati diversi quddies u qrar mill-patrijiet. Saru laqgħat mal-gruppi kollha tal-parroċċa. Kull filgħaxija kienet tingħad it-talba tal-Għasar. Saru wkoll Eżerċizzi tar-Randan, Lectio Divina fil-familji u laqgħat fil-Każin. Il-Ġimgħa ġie ċċelebrat Penitenzjal u s-Sibt kienet organizzata laqgħa soċjali man-nies tal-Parroċċa.



Din iż-żjara Franġiskana ntemmet il-Ħadd 25 ta' Frar b'quddiesa kkonċelebrata mill-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech, OFM. li radd ħajr lil Alla ta' din l-esperjenza, kif ukoll lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom biex kollox ikun jista' jimxi kif ippjanat: lil Patrijiet, diversi kongregazzjonijiet ta' sorijiet Franġiskani, il-Klarissi li kienu qegħdin jitolbu għas-suċċess ta' din iż-żjara kif ukoll l-OFS.



F'għeluq iż-żjara l-missjunarji permezz ta' rit żgħir reġgħu rritornaw it-TAU lill-Kappillan (il-mandat li hu kien tahom fil-bidu taż-żjara). Il-Kappillan min-naħa tiegħu rringrazzja lill-missjunarji tal-preżenza tagħhom fil-parroċċa u wiegħed it-talb tiegħu u tal-parruċċani biex il-ġid li sar jitkompla.

## Ir-Randan
## Żmien ta' Grazzja

Issib min jgħidlek li r-Randan għadda żmienu. Li wieħed jagħmel penitenza u jitkellem fuq sawm, fuq dnub fuq konverżjoni huwa kollu sinjal ta' mentalità antikwata li llum hija għal kollox barra minn żmienha. Forsi anke b'ton ta' disprezz issib min jgħid li dan kollu għanqbut tal-imgħoddi frott ta' brain washing ta' żmien in-nanniet min-naħa tal-Knisja u dawk kollha li ġew qabilna. Imma jkolli ngħid li forsi qatt daqs dan iż-żmien il-bniedem ta' llum ma għandu bżonn ta' dan iż-żmien tar-Randan li nsejjaħlu żmien ta' tisfija spiritwali. Forsi mhux minnu li minkejja l-progress li qed ngħixu fih, minkejja l-emanċipazzjoni li tant niftaħru biha, erġajna qed ngħixu fi żmien tad-dlam?! Żmien li fih il-bniedem, għax qiegħed iwarrab 'l Alla kulma jmur, qed jitlef kull sens ta' raġuni u ta' direzzjoni. Żmien ta' kultura edonistika sfrenata u tat-tfixxija tal-pjaċir akkost ta' kollox. Ħaġa nqisuha tajba jew ħażina minn kemm se tirrendilna flus fil-but, mingħajr ma nistaqsu jew jimpurtana minn fejn ġejjin, u minn kemm tagħtina pjaċir! Qed ngħixu fi pseudo kultura li kulma jmur tirrendi l-bnedmin, l-aktar dawk li qed jgħixu fil-periferija tas-soċjetà, bħala piż li ma jrendi xejn u li aħjar inwarrbu jekk

*ikompli f'paġna 2*

minn paġna 1

mhux ukoll neqirdu kompletament.

Wake up and smell the coffee! Hekk ngħidu bl-ingliż. Jeħtieġ inqumu min-ngħas tagħna, mill-aljenazzjonijiet tagħna u naraw mhux biss it-triq li qbadna, qisna n-nagħaġ ta' Bendu, imma naraw ukoll fejn din it-triq se twassalna. U allura huwa f'waqtu ħafna l-messaġġ tal-Evanġelju fejn jgħidilna li "l-Ispirtu ħa lil Ġesù fid-deżert...fejn għamel erbgħin jum isum u jitlob!" Hija stedina li l-Knisja tagħmlilna sabiex ilkoll nerġgħu nibdew inħallu l-Ispirtu jmexxina bħalma kien iħallih Ġesù. Matul is-sena ninħakmu mill-kurrenti ta' ġirja sfrenata ta' aljenazzjoni li jsuquna, jimbuttawna, mingħajr ma jħalluna naħsbu, nirriflettu fejn sejrin b'dan ir-ritmu. U flok l-Ispirtu t'Alla jkun l-ispirtu ta' dinja mingħajr Alla li jmexxina; mingħajr dak li waħdu jagħtina sens u direzzjoni, raġuni u skop ta' dak li aħna u ta' dak li nagħmlu.

Infittxu d-deżert. Infittxu li ninqatgħu mill-aljenazzjonijiet u l-istorbu li jtarrax, li mdorrijin ngħixu fih biex inkunu nistgħu nisimgħu l-leħen ta' Alla mill-ġdid. Jeħtieġ bħal Ġesù nsumu, mhux fis-sens dejjaq tal-kelma imma fis-sens aktar wiesa' ta' ċaħda u ta' rażan. Huwa fatt li qed ngħixu fi żmien ta' eċċessi. Kemm neħtieġu li mill-ġdid nitgħallmu nrażżnu lilna nfusna, rażan fis-sens ta' self control kif ngħidu bl-Ingliż. Dan huwa l-awgurju tiegħi għalina lkoll. Ma nħallux li dan il-mument ta' grazzji providenzjali jgħaddi mingħajr ma jħalli fina l-frott mixtieq ta' bidla f'ħajjitna, ta' ħajja nisranija aktar awtentika.

Il-Mulej jagħtikom is-Sliem!

*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*

# Definitorju Provinċjali 12 ta' Frar

Id-Definitorju Provinċjali ltaqa' nhar it- Tnejn 12 ta' Frar, ġewwa Porziuncola Franciscan Centre, Baħar iċ-Ċagħaq. L-ewwel parti tal-laqgħa kienet għall-membri tad-Definitorju biss. Wara l-qari tal-minuti dawk preżenti ddiskutew il-Kapitlu tal-Ħsajjar li se jiġi ċċelebrat fil-bidu tas-sena d-dieħla u li għalih huma mistiedna jattendu l-aħwa kollha imsefrin. Huwa maħsub li tkun okkazjoni fejn wara nuqqas ta' bosta snin, il-Provinċja kollha, bl-aħwa li jinsabu Malta kif ukoll barra jiltaqgħu lkoll flimkien bħala familja waħda u hekk isiru jafu lil xulxin aħjar.

Wara l-Ministru Provinċjal ta rendikont lil dawk preżenti fejn wasalna fil-proġetti li l-Provinċja għandha quddiemha. Il-permessi mill-Planning Authority issa ħarġu kollha, kemm fuq Għawdex kif ukoll fuq Baħar iċ-Ċagħaq u ninsabu fil-proċess tad-tendering. Dan huwa l-aħħar pass qabel ma bil-għajnuna t'Alla jibda u jitlesta x-xogħol kif ippjanat.

It-Tieni parti tal-laqgħa kienet miftuħa għall-Gwardjani s-Superjuri Lokali, kif talab minna nagħmlu l-Kapitlu Ġenerali tal-ordni ta' Mejju 2015. Fost affarijiet oħra ġiet diskussa proposta mill-Ministru Provinċjal tal-Aħwa Kapuċċini biex ikollna xi ħadd jaħdem magħhom fl-isptar ta' Mater Dei. Għalkemm diffiċli, imam dawk preżenti talbu lill-Ministru Provinċjal biex jitlob aktar informazzjoni dwar din il-proposta qabel tittieħed deċiżjoni.

Saret insistenza fuq id-dati tal-Kapitli Lokali u l-irtiri tax-xahar kif ukoll fuq il-bookings tal-irtiri tas-sena mill-aħwa. Fl-aħħarnett is-Segretarju Provinċjali P. Ramon Farrugia OFM tkellem fuq żewġ seminars li se jiġu organizzati għall-aħwa kollha mis-Safeguarding Commission tal-Arċidjoċesi ta' Malta u li għaliha l-aħwa kollha jridu attendu minħabba l-importanza u l-konsegwenzi morali u legali li jista' jkun hemm għal dawk kollha li b'xi mod jiġu f'kuntatt ma' tfal u adulti vulnerabbli. Għal dan il-għan il-Gwardjani u s-Superjuri Lokali ngħataw formoli biex jimtlew personalment mill-aħwa kollha tal-fraternitajiet rispettivi tagħhom.

Il-laqgħa konġunta ntemmet b'ikla flimkien fir-Restaurant tal-Provinċja Da Francesco. Laqgħa oħra għandha ssir nhar il-Ġimgħa 2 ta' Marzu fil-kunvent tagħna tar-Rabat.

**Marzu**

## Appuntamenti

**1** ta' Marzu, Konsagrazzjoni tal-Artal tal-Knisja ta' Sta. Maria ta' Ġesù, Ir-Rabat

**19** ta' Marzu, Festa San Ġużepp - Rabat

**Birthdays - Marzu**

11. P. Joseph Magro
15. P. Paul Attard
21. P. Walter Vassallo
24. P. Gabriel Micallef
29. Fr. Clive Camilleri

**Festi - Marzu**

19. P. Ġużepp Camilleri
19. P. Joe Caruana
19. Mons. Joe Bonello
19. Fr. Ġużepp Debono
19. P. Joseph Magro
19. P. Joseph Ciappara